# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 408/2015 MH**

**Illum 4, ta' Gunju 2021**

**Avv. Damien Degiorgio (Id 103075m) bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera S.T.C Servizio Trasporti Combinati S.p.A. (reġistrata fir-reġistru delle imprese ta' Genova bin-numru 02196090928)**

**vs**

1. **Express Logigroup Limited (C58205) u**
2. **Casapinta Design Group Limited (C9216) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-Avv. Damien Degiorgio tal-4 ta' Mejju 2015** li permezz tiegħu espona:

1. *"Illi s-soċjeta rikorrenti topera inter alia fis-settur tat-trasport internazzjonali u fuq inkarigu tas-soċjetajiet intimati jew min minnhom (dokumentazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok CJF) ipprovdiet servizz*

*ta' trasport ta' materjal bejn Tripoli u Kessel fl-Olanda permezz ta' tlett trailers separati u dan kif jirriżulta mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok CJF 001-003;*

2. *Illi l-materjal in kwistjoni kien jikkonsisti f'pavilion smantellat li kien intuża f'manifestazzjoni f'Tripoli, l-Libja u li kellu jittieħed għand il-proprjetarji Neptunus BV fl-Olanda u r-rikorrenti kienu responsabbli għat-trasport mill-port Libjan sad-destinazzjoni finali;*

3. *Illi s-soċjetajiet ntimati jew min minnhom talbu għal dan is-servizz u użufruwew minnu tant li l-konsenja saret debitament lis-soċjeta' Neptunus B.V. fl-Olanda kif mitlub mill-intimati jew min minnhom;*

4. *Illi minkejja dan l-intimati għadhom sal-gurnata tal-lum ma ħallsux l-import ta' l-imsemmija fatturi li jammonta għal tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) u dan minkejja diversi sejħiet mis-soċjeta' rikorrenti sabiex tali ħlas isir, inkluża email datata 29 ta' April 2015 (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CJF 004);*

5. *Illi effettivament l-intimati għażlu li jibqaw jinsistu, għal raġunijiet mhux aċċettabbli la fil-fatt u wisq anqas fid-dritt, li mhux ser iħallsu u dan kif jirriżulta mir-risposti tagħhom (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CJF 005-006 rispettivament);*

6. *Illi għalhekk l-intimati jew min minnhom huma debituri tas-soċieta rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti l-valur ta' servizzi ta' trasport reżi lilhom mis-soċjeta' rikorrenti kif jirriżulta mill-fatturi riferiti;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, r-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhrilha opportuni:*

1. *Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' trasport reżi lill-intimati skont il-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok CJF 001-003;*

2. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom li jħallsu lis-soċieta rikorrenti din is-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' tra sport reżi lill-intimati skont il-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok CJF 001-003 ;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kummerċjali, bl-ogħla rata permessa mill-liġi mid-data li ngħata s-servizz sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni;"*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Casapinta Design Group Limited tas-27 ta' Mejju 2015**[1] li permezz tagħha ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

[1] Folio 41 et seq

1. *"Illi in linea preliminari, is-soċjeta' intimata Casapinta Design Group Limited mhijiex leġittima kuntradittriċi u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' attriċi, u dana stante illi qatt ma kellha relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' rikorrenti.*

2. *Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost Damian Casapinta għan-nom ta' Atex Partnership, reġistrata ġewwa Tripoli, l-Libja, bin-numru ta' reġistrazzjoni 57041, kien ingaġġja s-servizzi tas-soċjeta' Express Logigroup Limited; u kienet ta' l-aħħar illi qabbdet lil terzi, senjatament lis-soċjeta' attriċi.*

3. *Illi Damian Casapinta noe diġa' ħallas lis-soċjeta' Express Logigroup Limited għas-servizzi resi da parti tagħha kif ser jirrisulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u f'dan ir-rigward, tinsab pendenti kawża ta' danni fl-ismijiet* <u>*Damian Casapinta noe versus Express Logigroup Ltd*</u> *(Rikors Ġur: 647/2014JPG). Illi inoltre, fir-risposta ġuramentata tal-istess Express Logigroup Limited, fil-kawza ċitata, minkejja diversi eċċezzjonijiet anki ta' natura preliminarja, qatt ma eċċepiet jew b'xi mod ieħor indikat illi l-ftehim ta' ġarr seta' kien bejn Damian Casapinta noe u terzi, jew b'xi mod ċaħdet il-fatt illi kienet proprju s-soċjeta' Express Logigroup Limited illi ġiet imqabbda minn Damian Casapinta noe sabiex ġġorr il-merkanzija in kwistjoni.*

4. *Illi l-attur nomine kien skorrett meta intesta l-fatturi relativi f'isem Casapinta Design Group Limited, meta fl-istess fatturi il-"mittente" huwa ndikat ċar bħala ATEX. Anki d-destinatarju tal-merkanzija li*

*ngarret, u ċioe', NEPTUNES Structures, indikat lill-istess ATEX fil-fatturi tagħha, esebiti mill-attur noe.*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt kif ukoll fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes kontra s-soċjeta' attriċi.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta intimata Express Logigroup Limited tal-5 ta' Ġunju 2015**[2] li permezz tagħha ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*"1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti nomine għandu jġib prova ċara u inekwivoka tal-mandat tiegħu skont il-liġi u kif ukoll prova ċara u inekwivoka tal-eżistenza tas-soċjeta' li huwa qed jirrapreżenta;*

*2. Illi preliminarjament l-azzjoni hija waħda perenta ai termini tal-artikolu 544 (a) jew (e) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi preliminarjament ukoll is-soċjeta' intimata Express Logigroup Limited m'hix il-leġittimu kuntradittur f' dina l-kawża peress illi l-istess soċjeta' intimata f' dan il-każ qatt ma talbet servizzi mingħand is-soċjeta' rikorrenti u dana hekk kif se jirrizulta fit-trattazzjoni ta' dina l-kawza u għalhekk ma għandha l-ebda rabta ġuridika magħha, tant hu hekk illi, inter alia, l-ebda fatturi li qed jiġu mitluba f' dina l-kawża m'huma indirizzati lill-istess soċjeta' intimata;*

[2] Folio 44 et seq

*4. Illi s-soċjeta' intimata m' għandha tagħti l-ebda ammont lir-rikorrenti nomine u dana hekk kif se jiġi debitament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*5. Salv linji difensjonali ulterjuri skont il-liġi;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza wara li fil-fatt ġew presentati n-noti ta' sottomissjonijiet kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur noe ntavola dawn il-proċeduri sabiex jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu s-somma ta' (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' trasport reżi lilhom.

Minn naħa tagħhom, oltre eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, irrespinġew dawn it-talbiet fil-mertu bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**PROVI**

1. Xehed **Massimiliano Rapanelli, konsulent ta' S.T.C. Servizio Trasporti Combinati S.p.A.**[3] li qal li sa minn Marzu 2013 huwa bbażat ġewwa Tripli l-Libja u Tuneż fit-Tuneżija sabiex isegwi s-suq għan-nom tal-azjenda msemmija. Fid-19 t'April 2014[4] huwa rċieva e-mail mingħand Dr Casapinta permezz ta' liema ġew ibbukkjati 3 semi-trailers minn Tripli lejn Kessel ġewwa l-Olanda. Din l-email irċeviha wkoll Jonathan Vella tal-Express Logigroup Ltd li minn naħa tiegħu l-għada wieġeb l-email u kkonferma l-prenotazzjoni. Fis-26 t'April 2014 *semi trailers* ittieħdu fil-lok fejn kellha titgħabba l-merkanzija kif miftiehem u ċioe' ġewwa Sports City fi Tripli. Safejn jaf ix-xhud il-merkanzija kienet tikkonsisti f'ħafna oġġetti inkluż kaxxi ta' materjal tal-bini. Wara li tgħabba kollox il-vetturi telqu minn Tripli lejn it-Tuneżija. Safejn jaf huwa, it-trasport mill-Libja lejn it-Tuneżija u wara lejn l-Ewropa sar minn **S**.T.C. Servizio Trasporti Combinati S.p.A. (minn issa 'l quddiem imsejħa S.T.C.) u dan sar mingħajr problemi tant li l-merkanzija ġiet konsenjata lil Neptununs B.V.

2. Xehdet **Rosa Giani, Sale Account Manager mas-soċjeta' S.T.C.**[5] Dwar il-mertu tal-każ odjern hija qalet li taf li fid-19 t'April 2014, is-Sur Damian Casapinta ta' Casapinta Design Group Ltd għan-nom ta' klijent tiegħu Libjan ATEX – International Exhibition Organizers ta' Tripli, ibbukkja servizz ta' trasport għal tlett *semi-trailers*. Din il-prenotazzjoni saret b'email li ġġib id-data msemmija u fiha ntalbu dawn it-tlett semi trailers sabiex jgħabbu merkanzija fis-26 t'April 2014 minn Sports City fi Tripli, liema merkanzija kellha tintbagħat lejn is-soċjeta' Neptunes B.V. ġewwa Kessel fl-Olanda. Din l-email irċevewha is-sur Jonathan Vella tal-Express Logigroup Ltd, is-sur Massimiliano Rapanelli tal-**S**.T.C. u anke hija. Hija qalet li f'din il-prenotazzjoni partikolari ma kienx involut

[3] Affidavit a fol 49
[4] Email a fol 39
[5] Affidavit a fol 53 et seq

l-ex aġent tagħhom Thomas Smith & Co Ltd li s-soltu kien ikun involut f'servizzi ta' trasport mill-Libja għall-Ewropa.

L-għada Jonathan Vella ikkonferma lil Damian Casapinta li huwa kien informa lill-uffiċċju ta' Malta bil-prenotazzjoni u li Express Logigroup Ltd kienu ser jirrispondu bid-dettalji dwar it-*trailers*.

Safejn taf hi, fil-ġranet ta' wara, **S**.T.C. wettqet dan is-servizz ta' trasport. L-ewwel parti tat-trasport sar minn Tripli lejn Tunis bit-triq; minn hemm marru mill-port ta' Rades lejn il-port ta' Ġenova bil-vapur "Eurocargo Savona". Malli l-merkanzija waslet Ġenova sar it-trasbord tagħhom lejn semi-trailers oħrajn sabiex issir il-konsenja finali fl-Olanda. Ix-xhud qalet ukoll li safejn taf hi, dan is-servizz ġie kompletat mingħajr ma kien hemm ilmenti la mir-riċevituri u lanqas mill-ispedituri.

3. Xehed **Stefano Nurchi, li jaħdem bħala skrivan fl-operat ta' mportazzjoni tas-soċjeta' S.T.C.**[6] Qal li sa mill-1 ta' Mejju 2014 huwa kien infurmat li kellu jsir servizz ta' trasport bejn il-Libja u l-Olanda u huwa kellu jieħu ħsieb jorganizza t-transitu doganali lejn id-destinazzjoni finali. Il-ġarr kellu jkun magħmul minn tlett semi-trailers mimlijin b'materjal tal-kostruzzjoni u oġġetti oħra li kellhom jiġu ritornati lil Neptunus B.V. f'Kessel. Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha ġiet provduta lilu mill-fergħa tagħhom tat-Tuneżija li ħadet ħsieb l-ewwel parti tal-vjaġġ mill-Libja sa Tuneż.

Fis-7 ta' Mejju 2014 huwa kiteb email lill-partijiet kollha nvoluti u ċioe' lil Damien Casapinta, lil Jonathan Vella u lir-riċevituri f'Kessel biex jinfurmahom dwar il-wasla imminenti tal-vapur. Huwa ndikalhom anke li l-vapur kien ser jasal

---

[6] Fol 56 et seq

circa fit-8 ta' Mejju. Ix-xhud żied jgħid li, fis-7 ta' Mejju[7], Jonathan Vella kien indikalu li jeħtieġ li jassikura li d-dokumenti kollha tad-dwana kienu kollha in ordni sabiex ma jqumux problemi meta ssir il-konsenja.

It-trasbord tal-konsenja sar fi tlett *semi-trailers* oħra minn AB 85055 għal fuq XA 533AZ, AB 38460 għal fuq AE 99489 u minn AB 38463 għal fuq AF 67569.Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-konsenja saret mingħajr ma kien hemm ilmenti.

4. Xehed **Gianluca Gallian, responsabbli mit-taqsima tat-talbiet fi ħdan is-soċjeta' S.T.C.**[8] Huwa qal li s-soċjeta' msemmija ġiet ingaġġata għas-servizzi ġia ndikati mix-xhieda preċedenti mill-konvenuti fil-kawża odjerna u ċioe' Express Logigroup Ltd u Casapinta Design Group Ltd, żewġ kumpaniji reġistrati f'Malta. Minkejja li saru diversi nterpellazzjonijiet għall-ħlas dovut ta' €13,806 il-konvenuti baqgħu inadempjenti. B'hekk ma kellhom ebda alternattiva għajr li jintavolaw il-proċeduri odjerni.

Ix-xhud spjega fid-dettall l-involviment tiegħu fil-viċenda u fost affarijiet oħra qal li meta talbu l-ħlasijiet dovuti is-sur Casapinta wieġeb għall-email billi qal li tali talba kienet qed issir lill-kumpanija żbaljata peress li huma qatt ma kkuntattjaw lil S.T.C. li l-ingaġġ kien sar minn Express Logigroup Ltd u li hu kien diġa' ħallas lil dawn ta' l-aħħar u li għalhekk it-talba għall-ħlas kellha ssir lil Express Logigroup Ltd. Dan id-diskors reġa' ġie ripetut minn Casapinta permezz ta' telefonata.

Ix-xhud qal ukoll li ż-żewġ kumpaniji konvenuti kienu konsapevoli tas-servizzi li kienu qegħdin jintalbu u s-soċjeta' S.T.C. rċeviet struzzjonijiet mingħandhom it-tnejn kif turi l-korrispondenza skambjata.

[7] Email a fol 5
[8] Fol 59 et seq

5. Xehed **Damien Casapinta, direttur ta' Casapinta Design Group Limited**[9]**.** Qal li Casapinta Design Group m'għandha xejn x'taqsam ma' dan il-każ. Xehed li għandu hafna kuntatti l-Libja u fl-2014 fuq livell personali kien ġie inkarigat mill-kumpanija Atex (reġistrata bħala kumpanija ġol-Libja). Qal li kien hemm xi e-mails imsemmijin iżda huwa juża l-email tiegħu tal-kumpanija imma dik hija l-unika li għandhom. Huwa kien Project Manager ta' Atex. Qal li S.T.C. ġew inkarigati biex jagħmlu ġarr bħala *freight* mill-Ewropa għall-Libja u lura fuq inkarigu ta' Express Logigroup Ltd. Ix-xhud qal li kuntratti, stimi u prezzijiet mal-STC huwa qatt ma nnegozja. Hu jaħdem ħafna xogħol ma' Jonathan Vella li jaħdem mal-Express Logigroup Ltd u ta dan il-kuntratt lil Jonathan Vella tal-Express Logigroup Ltd. Dan il-kuntratt kien jinvolvi ġarr ta' materjal li huwa nkluż fil-*Bill of Lading* għan-nom ta' Atex. Il-maġġor parti tal-materjal kien jikkonsisti f'tined li kellhom jinġarru mill-Ewropa għall-Libja u lura. Kompla jgħid li kull biċċa xogħol ta' freight li jkollu dejjem iqabbad lil Jonathan Vella tal-Express Logigroup Ltd. Dwar il-biċċa xogħol mertu tal-proċeduri odjerni qal li kien kellem lil Vella biex itih stima għal dan il-freight kollu mill-Ewropa għall-Libja u lura u ftehmu fuq il-prezzijiet u kollox u hu kkonfermalu l-biċċa xogħol. Imbagħad l-Express Logigroup Ltd infurmawh illi se jissubkontrektjaw ix-xoglol lill-kumpanija S.T.C.. Il-ġarr lejn il-Libja u lura wasal kollu. Bħala ftehim kien hemm numru ta' pagamaneti li kollha tħallsu. Ma hemm ebda pendenzi ta' ħlas. Kien hemm xi pendenzi oħra li kellhom jissortjawhom bejniethom u kien hemm kawża infatti fuq dawn l-affarijiet iżda ġew issortjati bejnu u bejn Jonathan. Pero' kull pagament dovut lil Jonathan huma kollha mħallsin.

Ix-xhud insista li l-involviment tiegħu kien biss li Jonathan Vella daħħlu fiċ-ċirkolu ta' e-mails bħala ko-ordinazzjoni biex hu jkun jaf dejjem x'inhu għaddej

[9] Fol 82 et seq

peress li kien hemm ammont kbir ta' trailers, madwar tlieta u ghoxrin. Dawn it-trailers riedu jmorru f'ħafna destinazzjonijiet sakemm jaslu l-Libja u huwa kellu jkun involut ghax kien jaf ħafna dati u ħinijiet ta' fi x'ħin se jasal it-trailer u kien qed jikkordina wkoll in-naħa tal-Libja u dejjem kellu jkun konsapevoli ta' x'inhu għaddej. Għal din ir-raġuni x-xhud iġġustifika li kien ikun imdaħħal fit-thread tal-emails kollha li kienu jintbagħtu bejn Jonathan Vella, Thomas Smith & Co Ltd, STC u kulħadd li kien qed jieħu ħsieb il-proġett.

Skont ix-xhud STC qatt ma baghtulu xi stima. Huwa ma kienx jaf x'jirrappreżenta l-ammont mitlub fil-kawża odjerna u qal li  t-tlett trailers li qed isemmu l-atturi ma jafx x'inhuma. Reġa' nsista li bħala proġett kollu, tħallas kollox lil Jonathan Vella.

Huwa kompla jgħid li jista' jkun li meta waslu t-tlieta u għoxrin trailer il-Libja huwa ħatt kollox fil-post fejn kienu qed jarmaw u kellhom ħafna kanċellazzjonijiet ta' parteċipanti u ddeċieda li jibghat xi xogħol lura u hu bagħat tlett trailers lura bil-materjal li kien għadu kif wasal.

Ix-xhud qal li l-atturi qed jagħmlu referenza għall-email tad-19 t'April 2014 (Dok DC 2[10]) fejn hu kien indirizza lil kulħadd ("all") ċioe' r-rappreżentanti ta' STC, Jonathan Vella u ta' Thomas Smith & Co Ltd. Qal li dawn kienu parti mill-istess ammont ta' trailers li daħlu tant li fl-istess e-mail kiteb "these three trailers will form part of all the return trailers". Żied jgħid li imbagħad fis-27 ta' Mejju, bagħat e-mail oħra fejn qalilhom li kellu bżonn għoxrin trailer li huma l-kumplament tat-trailers li kien baqagħlu (Dok DC 3[11]).  F'din l-email ukoll kulħadd kien inkluż fit-*thread*.

[10] Fol 96
[11] Fol 97

In **kontro-eżami mid-difensur tas-soċjeta' Express Logigroup Ltd**[12] huwa qal li kien ġie nkarigat mill-kumpanija Libjana Atex f'ismu personali u l-kumpanija Casapinta Design Group Ltd m'għandha x'taqsam xejn. Kienet ser issir fiera ġewwa l-Libja li kienet teħtieġ trasport ta' ċertu apparat mill-Ewropa lejn il-Libja u huwa kkuntratta lill-Express Logigroup Ltd fejn dejjem tkellem ma' Jonathan Vella. Express Logigroup Ltd kellu jieħu ħsieb kollox u jġorrlu l-materjal kollu mill-Ewropa sal-Libja u lura. Kien konsapevoli tal-fatt li Vella għamel sub-kuntratt ma' Thomas Smith & Co Ltd li huma l-aġenti ta' STC.

Safejn jaf hu deherlu li f'kull email li ntbagħtet kien hemm inkluż rappreżentant ta' Thomas Smith & Co Ltd. Skont hu ix-xogħol kollu ġie sub-contracted minn Express Logigroup Ltd lil Thomas Smith & Co Ltd. Dwar ħlas, il-klijent Atex kien ħallas lil Express Logigroup Ltd. Hu qatt ma ħallas xejn la lil Thomas Smith & Co Ltd u lanqas lil STC. Huwa nsista li l-ħlasijiet kollha dovuti kienu saru u li Atex dejjem ħallas lil Jonathan Vella.

Ix-xhud ikkonferma li kien hemm 23 trailer involut li ntbagħtu mill-Ewropa għall-Libja u li dawn kienu importazzjoni temporanja. Tlieta minn dawn it-trailers intbagħtu qabel l-oħrajn minħabba li kien hemm xi kanċellazzjonijiet u kellu jintbagħat xi xogħol lura. Imbagħad wara li spiċċa kollox kien hemm bżonn ta' 20 trailer ieħor biex ix-xogħol jiġi lura lejn l-Ewropa. It-23 trailer kienu x-xogħol kollu li kien hemm bejn Express Logigroup Ltd u Thomas Smith & Co Ltd.

Issa ġara li l-ftehim kien fuq trailers ta' erbgħin pied. It-23 trailer li daħlu kienu ta' dak il-qies u t-tlett trailers li fihom intbagħat lura xi xogħol kienu ta' dak il-qies. Pero' meta żarmaw il-fiera u l-materjal kellu jitqiegħed f'għoxrin *trailer* ta' erbgħin pied, irriżulta li uħud minnhom kienu ta' daqs iżgħar (uħud ta' għoxrin

[12] Fol 183 et seq

pied u oħrajn ta' tletin pied). B'hekk ma qgħadx fihom il-materjal kollu li kien fadal u konsegwentement talab għal aktar *trailers*.

Huwa qal li l-fatturi li tagħhom qed jintalab ħlas fil-kawża odjerna huma rigwardanti t-trailers addizzjonali li huwa kien staqsa għalihom peress li x-xogħol ma kienx qagħad għax STC kienet bgħatet trailers iżgħar.

In **kontro-eżami mid-difensur tal-atturi**[13] insista li ma kellux relazzjoni diretta ma' STC u Thomas Smith & Co Ltd iżda kien ikkupjat fil-ħafna emails li kienu jiġu skambjati bejniethom pero' hu qatt ma nnegozja magħhom xi prezzijiet. Fil-ħlasijiet ta' STC u Thomas Smith & Co Ltd lanqas ma kien involut. Qal ukoll li seta' kien il-każ li kien hemm xi email waħda li mhux kulħadd kien inkluż għax kien hemm taħwid kbir bejn il-partijiet prinċipalment kawżat minn *misunderstandings* bejn STC u Thomas Smith & Co Ltd. Proprju minħabba dan, għax eż huwa jitlob għal xi ħaġa u ma tasalx kif ikun talab, huwa qalilhom biex kull email li tintbagħat irid ikun jaf eżattament x'kien qed jiġri.

Mistoqsi jekk qattx għamel ilment formali dwar dan inkluż permezz t'arbitraġġ huwa qal li dak il-ħin huwa kien jinsab ġo Tripli u li għamel kien li lmenta magħhom permezz ta' ritratti li ħa, emails u telefonati. Meta mbagħad wasal lura Malta għamel follow-up tal-claims kollha ma' Jonathan Vella. STC u Thomas Smith & Co Ltd ma kinux involuti.

Huwa kkonferma li l-email tad-19 t'April 2014[14] bagħtha hu u fiha talab għal tlett trailers li kellhom jiffurmaw parti mit-trailers ta' ritorn. Imbagħad irrefera għal email oħra tas-27 ta' Mejju 2014[15] fejn kien qed jitlob għal 20 trailer biex ikunu kollha fuq is-sit u b'dawn kienu kkupjati n-nies ta' STC, Jonathan Vella, Thomas Smith & Co Ltd u xi ħadd tal-STC rappreżentant tal-Libja.

---

[13] Fol 193 et seq
[14] Fol 96
[15] Fol 97

6. Xehed **Jonathan Vella, Chief Executive tas-soċjeta' konvenuta Express Logigroup Ltd**[16] li spjega li s-soċjeta' tiegħu hija kumpanija ta' *road freight* u ġiet avviċinata mis-sur Damien Casapinta biex jaħdmu xi xogħlijiet bejn l-Ewropa u Tripoli u vice-versa u ċioe' billi jgħabbu merkanzija mingħand il-kumpanija tagħhom, iġorruha ġo l-Ewropa bit-triq u wara bil-vapur jaqsmu lejn Tuneż biex jimxu lejn Tripli. Is-sur Casapinta kien qiegħed jirrappreżenta lil Atex group li hija soċjeta' li kienet qed tieħu ħsieb il-loġistika ta' fiera ġewwa Tripli. Ix-xogħol ta' Logigroup Express ltd kien li huma jamministraw dawn it-trailers mill-Ewropa għal Tripli u vice versa u dak kollu neċessarju biex din l-operazzjoni sseħħ. Peress li huma ma kinux joperaw trailers lejn l-Afrika ta' Fuq huwa kien għamel diskussjonijiet fuq livell kummerċjali ma' Thomas Smith & Co Ltd li hija s-soċjeta' li kienet tirrappreżenta l-STC f'Malta dak iż-żmien. Huwa ddiskuta ma' Thomas Smith & Co Ltd kif ser isir il-proġett, ir-rata li ser titħallas u ssetjaw pjan biex ikunu jistgħu jipproċedu. Huma kienu jkunu fl-emails ma' STC fuq livell operattiv u fuq livell kummerċjali kien ikun hemm Thomas Smith & Co Ltd. Huwa qal li r-relazzjoni kummerċjali tiegħu kienet ma' Thomas Smith & Co Ltd, u kien Thomas Smith & Co Ltd li qabbad l-STC.

Il-biċċa xogħol kienet kbira mhux ħażin u tinvolvi operat kemmxejn goff.

Qal ukoll li Express Logigroup Ltd kienet tikkordina mal-partijiet kollha u ċioe' ma' Damien Casapinta għan-nom ta' Atex, STC u Thomas Smith & Co Ltd. Kienet is-soċjeta' Logigroup Ltd li għamlet kuntatt ma' Thomas Smith & Co Ltd.

Ix-xhud preżenta kopja tal-fatturi kollha li ħarġu lil Express Logigroup mingħand Thomas Smith & Co Ltd ammontanti għal kważi kwart ta' miljun Ewro[17].

[16] Fol 102 et seq
[17] Fol 114 et seq

Imbagħad għax-xogħol kollu li sar għan-nom ta' Casapinta l-Atex kienet tħallas lil Express Logigroup peress li huma kienu il-middleman.

Dwar it-tlett fatturi li dwarhom qed issir il-kawża x-xhud qal li għalkemm rahom għax irċevihom l-uffiċċju tiegħu u staqsewh dwarhom insista li huma mal-STC m'għandhomx x'jaqsmu u m'għandhom ebda ftehim. Qal ukoll li l-fatturi in kwistjoni huma ntestati ħażin fuq Casapinta Design Group Ltd  għax hu kien Damien Casapinta għan-nom ta' Atex; tant hu hekk li l-bank transfers is-soċjeta' Logigroup Ltd dejjem irċevithom mingħand Atex. Huwa nsista li s-soċjeta' tiegħu qatt ma talbet xogħol direttament lil STC iżda aġixxiet dejjem tramite Thomas Smith & Co Ltd. Qal ukoll li l-fatturi kollha li bgħatilhom Thomas Smith & Co Ltd kienu ħallsuhom kollha, 'il fuq minn €220,000.

Huwa mbagħad irrefera għall-email a fol 5 u spjega li l-emails kienu jinkludu wkoll lil STC għal raġunijiet operativi. Pero' ċaħad li huma qatt ingaġġaw direttament lil STC kif insinwat minn Gianluca Gallian fl-affidavit tiegħu għax huma kummerċjalment dejjem ma' Thomas Smith & Co Ltd kellhom x'jaqsmu.

In **kontro-eżami**[18] huwa ġie mistoqsi liema minn dawk il-fatturi kienu jkopru l-konsenja li tagħhom qed jintalab il-ħlas fil-kawża odjerna iżda huwa ma kienx jaf iwieġeb. Meta ġie suġġerit lilu li l-konsenja in kwistjoni ma kinitx koperta b'dawk il-fatturi huwa nsista li m'ordna xejn jekk mhux tramite Thomas Smith & Co Ltd. Huwa ġie muri l-email markata Dok CJF a Fol 5 u ntalab jindika fejn kienu nvoluti r-rappreżentanti ta' Thomas Smith & Co Ltd fiha. Huwa qal li għalkemm ma jiċħadx li l-vjaġġ in kwistjoni sar, kien qed jikkontesta l-fatt li STC tibgħat fattura lil Casapinta għax ma' STC ma' kien hemm ebda relazzjoni. Vella rrikonoxxa li fl-email a fol 5 ir-rappreżentanti ta' Thomas Smith & Co Ltd ma kinux inklużi iżda qal li hu bagħat dik l-email biex jiġu evitati problemi minn naħa tar-riċevitur peress li kellhom ħafna problemi ma' STC. Ma kienx f'qagħda

[18] Fol 109 et seq

jgħid pero' il-għala r-rappreżentanti msemmija ma kinux inklużi fiha; anzi baqa' jinsisti li ma kienx hu li ordna dawk il-vjaġġi.

F'**xhieda sussegwenti**[19] u wara li kien mitlub jagħmel xi verifiki huwa qal li l-fatturi esibiti minnu in atti ma kinux jinkludu t-trailers bin-numru ndikat fil-fatturi li tagħhom qed jintalab il-ħlas fil-kawża odjerna. Qal ukoll li fl-iskeda li kellu huwa, mibgħuta lilu minn Thomas Smith & Co Ltd, ukoll ma kinux jidhru t-tlett trailers bin-numru mniżżel mill-atturi fil-fatturi mertu tal-kawża odjerna. Huwa ammetta li mill-erbgħa u erbgħin dokument li ppreżenta - li jikkonsistu f'fatturi maħruġa minn Thomas Smith & Co Ltd lil Express Logigroup Ltd – ebda wieħed ma jkopri dawk it-tlett fatturi li ntbagħtu mill-STC lil Casapinta Design Group Ltd.

Huwa ma kienx f'qagħda jgħid jekk sal-lum l-atturi tħallsux ta' dak li qegħdin jitolbu fil-kawża pero' qal li safejn jaf hu, ix-xogħol sa bejn Thomas Smith & Co Ltd, Express Logigroup u Casapinta bħala klijent tiegħu. STC kienet l-aġent, l-operatur tat-trailers ta' Thomas Smith & Co Ltd.

Mistoqsi biex jindika jekk jikkonfermax li l-vjaġġ in kwistjoni sar x-xhud baqa' jinsisti li fuq il-lista tiegħu mhumhiex u allura ma setax jgħid oltre minn hekk. Il-lista li kien qed jirreferi għaliha pero' kienet tirrigwarda biss xogħol ordnat lil Thomas Smith & Co Ltd għax qal li huma dejjem miegħu kellhom x'jaqsmu.

Meta reġa' ġie muri l-email tas-7 ta' Mejju 2014 a fol 5 mibgħuta minnu stess huwa spjega li Roy Janssen huwa l-klijent ta' Damian Casapinta u Stefano Nurchi huwa minn naħa tas-soċjeta' attriċi. Huwa qabel li x-xogħol indikat f'dik l-email kien sar ukoll.

[19] fol 173 et seq

**Ikkunsidrat:**

**EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI**

Il-konvenuti ressqu xi **eċċezzjonijiet ta' natura preliminari** li sejrin jiġu trattati qabel kunsiderazzjonijiet ulterjuri.

**1. <u>Eċċezzjoni dwar il-prova tad-debita awtorizzazzjoni għall-preżentata tal-kawża</u>**

L-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta intimata Express Logigroup Limited tgħid hekk -

*"1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti nomine għandu jġib prova ċara u inekwivoka tal-mandat tiegħu skont il-liġi u kif ukoll prova ċara u inekwivoka tal-eżistenza tas-soċjeta' li huwa qed jirrapreżenta;"*

Il-Qorti tinnota li a fol 63 tal-proċess ġiet preżentata mill-atturi l-prokura mogħtija lill-Avukat Damien Degiorgio sabiex, fost affarijiet oħra jkun jista' jaġixxi ta' Mandatarju fil-kwistjonijiet kollha ta' natura legali u ġudizzjarja li jinvolvu lil jew li huma konnessi ma' Casapinta Design Group Ltd u Express Logigroup Ltd.

Din l-eċċezzjoni hija għalhekk sorvolata.

**2. Eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni**

**It-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata Express Logigroup Limited** tgħid hekk -

*"2. Illi preliminarjament l-azzjoni hija waħda perenta ai termini tal-artikolu 544 (a) jew (e) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta;"*

**L-artikolu 544 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li -

*"L-azzjonijiet li ġejjin jaqgħu bil-preskrizzjoni kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) kull azzjoni għall-ħlas ta' nol, sena wara li jispiċċa l-vjaġġ;*

*(.......)*

*(e) kull azzjoni għall-kunsinna ta' merkanzija, wara sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment."*

Il-Qorti tissottolinea bħala prinċipju li nonostante li fl-artikolu appena ċitat il-liġi tuża l-kelma "preskrizzjoni", it-terminu hemm stabbilit huwa effettivament terminu ta' dekadenza b'dana li d-dritt tal-azzjoni jintilef jekk il-kawża ma tigix preżentata fi żmien sena minn meta jintemm il-vjaġġ jew minn dakinhar li jasal il-bastiment.

Dan jirrizulta **mill-artikolu 541 tal-Att** li jipprovdi hekk –

*"Iż-żminijiet kollha stabbiliti b'dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali, huma perentorji; u l-beneficċju tar-restitutio in integrum bis-saħħa ta' titolu, motiv jew privileġġ li jkun, ma jgħoddx."*

Fil-każ **Dr Andrew Chetcuti Ganado et noe vs Gollcher Company Limited deċiż fil-11 ta' Diċembru 2009**[20] ingħad li –

*"Dan l-artikolu (541) dejjem qajjem ċerta nċertezza dwar jekk l-perjodu ta' sena imsemmi fl-artikolu 544 għandux jiġi kunsidrat bħala terminu ta' preskrizzjoni u kwindi bid-dritt t'interruzzjoni ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kap 16, kif qed isostni l-attur; jew jekk dan it-terminu huwiex wieħed ta' dekadenza b'mod li d-dritt ta' l-azzjoni jintilef kemm-il darba din ma tiġix istitwita entro dak il-perjodu, kif qed isostnu l-konvenuti. [....] Din il-Qorti...hija tal-fehma li l-opinjoni espressa mill-Qorti ta' prima istanza fil-kawża fl-ismijiet "**Joseph Petroni noe vs Joseph Zahra**", kif sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sebgħa (7) ta' Diċembru 1997 hija dik korretta. Kif sewwa osservat l-Qorti tal-Appell "Għalhekk, għalkemm il-Kodiċi Kummerċjali, fl-Artikoli ta' wara l-art. 633 (541) jsemmi "preskrizzjoni" din, minħabba l-art. 633 (541) titqies preskrizzjoni perentorja, li ma tistax tkun ħlief dekadenza, altrimenti kif osservat anke l-ewwel Qorti, l-art. 633 (541) jsir għal kollox inutili, w interpretazzjoni li twassal għas-superfluwita' għandha tiġi evitata."*

Ferm il-premess il-Qorti tikkonstata li fil-każ odjern, id-dokumenti esibiti juru li l-bastiment Eurocargo Savona baħħar minn Tunis/Raid fis-6 ta' Mejju 2014 u l-konsenja waslet Ġenova fit-8 ta' Mejju 2014 fit-8.30am[21]. Il-kawża odjerna nvece nfetħet fl-4 ta' Mejju 2015 u għalhekk is-sena stipulata mill-liġi ma kinitx għadha skadiet.

Per parentesi jiġi nnutat ukoll li għalkemm din is-soċjeta konvenuta resqet l-eċċezzjoni in eżami, pero kif għamlet fir-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni tagħha suriferuta meta ġiet għan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ma ndirizzat qatt l-

[20] App Nru 214/08
[21] Fol 64-65

istess punti ta' difiza minnha mressqa u senjatament din l-aħħar eċċezzjoni li kienet jekk mirbuħa taħsad totalment u mill-bidu lil istess kawza.

Din l-eċċezzjoni konsiderando t-termini msemmija sejra għalhekk tiġi miċħuda.

### 3. <u>Eċċezzjonijiet dwar il-leġittimu kontradittur</u>

Iż-żewġ konvenuti rispettivament ressqu eċċezzjoni li huma mhumhiex leġittimi kontradittturi għat-talbiet attriċi.

**Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha s-soċjeta' konvenuta Casapinta Design Group Limited** eċċepiet li -

6. *"Illi in linea preliminari, is-soċjeta' intimata Casapinta Design Group Limited mhijiex leġittima kuntradittriċi u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' attriċi, u dana stante illi qatt ma kellha relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' rikorrenti.*

**Fit-tielet eċċezzjoni tagħha s-soċjeta' konvenuta Express Logigroup Limited** eċċepiet li -

*"Illi preliminarjament ukoll is-soċjeta' intimata Express Logigroup Limited m'hix il-leġittimu kuntradittur f' dina l-kawża peress illi l-istess soċjeta' intimata f' dan il-każ qatt ma talbet servizzi mingħand is-soċjeta' rikorrenti u dana hekk kif se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' dina l-kawża u għalhekk ma għandha l-ebda rabta ġuridika magħha, tant hu hekk illi, inter alia, l-ebda fatturi li qed jiġu mitluba f' dina l-kawża m'huma indirizzati lill-istess soċjeta' intimata;"*

Fl-ewwel lok għal dak li jirrigwarda l-prinċipji ġurisprudenzjali li jirregolaw min għandu jitqies leġittimu kontradittur f'kawża, ingħad hekk minn din il-Qorti stess fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciza fit-28 ta' Settembru 2016**[22] -

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deċiż fit-23 t'Ottubru 2009**[23] intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuż jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-*

[22] Rik Gur Nru 700/14
[23] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

*kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta.”* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[24]*.”*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Michael Angelo Briffa et vs Jost Merten et deċiż fid-29 t'Ottubru 2018**[25] **-**

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2011 kienet saret distinzjoni bejn il-kwistjoni tar-responsabbilita tal-parti u l-kwistjoni tal-legittimu kontradittur, u f'dan is-sens ġie rrilevat illi:*

*"…biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor jew lejn*

[24] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell
[25] Rik 983/15

*ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."*

Applikati s-segwenti prinċipji għall-fattispeċje tal-każ odjern il-Qorti tqis li ebda waħda mill-eċċezzjonijiet taż-żewġ konvenuti msemmija ma hija ġustifikata.

Stabbilit ampjament mill-provi li sar il-vjaġġ bil-baħar tal-merkanzija li għat-trasport tagħha qed jintalab il-ħlas mill-atturi l-Qorti tinnota li f'dan l-istadju, mingħajr ma tidħol dettaljatament fil-mertu tal-provi u dwar responsabiltajiet li għandhom jinġarru, iż-żewġ soċjetajiet konvenuti huma mplikati fil-viċenda.

Biss biss mill-korrispondenza esibita in atti, fosthom *emails* markati CJF[26], CJF 008[27] u CJF 009[28], liema korrispondenza titratta proprju l-konsenji in kwistjoni, huma direttament parteċipi u nvoluti ż-żewġ soċjetajiet konvenuti. Mhux biss ix-xhieda mressqa mill-atturi jikkonfermaw dan l-involviment tal-konvenuti bil-ġurament iżda anke l-istess konvenuti, rinfaċċjati b'din il-korrispondenza ma jinnegawx dan.

Infatti l-email tad-19 t'April 2014 a fol 38 intbagħtet fost oħrajn lir-rappreżentanti tal-attur noe proprju minn Damian Casapinta. Fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li huwa kien qiegħed jaġixxi f'ismu personali u mhux f'isem il-kumpanija

[26] A fol 5
[27] A fol 38
[28] A fol 39

Casapinta Design Group Ltd iżda l-provi juru li l-korrispondenza kienet qegħda tintbagħat mill-email tas-soċjeta' konvenuta Casapinta Design Group Ltd kif ammess minn Damian Casapinta stess. Ma nġiebet ebda prova oħra konkreta li tmieri dan jew li torbot l-inkarigu għat-trailers mertu tal-kawża ma' terzi. Għandu raġun l-attur noe iħarrek lis-soċjeta' Caspinta Design Group Ltd sabiex tirrispondi għat-talbiet attriċi u għalhekk l-eżeistenza tar-relazzjoni ġuridika bejniethom ġiet pruvata.

Jiġi osservat ukoll li fl-istess email appena ċitata u kif ukoll f'korrispondenzi oħra nkluż dik tal-20 t'April 2014 a fol 39 u tas-7 ta' Mejju 2014 a fol 5, is-soċjeta' konvenuta l-oħra Express Logigroup Ltd permezz tac-*chief executive* tagħha Jonathan Vella ukoll irriżultat li kienet attivament u direttament involuta fir-rigward tal-ordni għat-trailers mertu tal-proċeduri odjerni tant li tat struzzjonijiet lis-soċjeta' attriċi dwar dawn l-istess trailers. Saħansitra l-involviment tal-Express Logigroup huwa allegat mis-soċjeta' konvenuta l-oħra Casapinta Design Group Ltd fl-eċċezzjonijiet tagħha meta tinsinwa li filwaqt li ġew ingaġġati s-servizzi tas-soċjeta' Express Logigroup Limited, kienet proprju din ta' l-aħħar illi qabbdet lis-soċjeta' attriċi għall-ġarr tal-merkanzija mill-Ewropa għall-Libja u lura. Isegwi li anke s-soċjeta' Express Logigroup Ltd għandha tkun fil-kawża sabiex tirrispondi għat-talbiet attriċi in vista tar-relazzjoni ġuridika li hemm bejniethom.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li ż-żewġ soċjetajiet konvenuti huma leġittimi kontradittturi u għal dawn ir-raġunijiet l-eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward sejrin jiġu respinti.

**MERTU**

Wara li l-Qorti evalwat il-provi kollha mressqa tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet -

Irriżulta li fl-epoka tal-mertu li ta lok għal kawża odjerna kienet saret xi fiera ġewwa l-Libja li għaliha sar trasport ta' merkanzija meħtieġa għal dak il-għan.

Sar ftehim privat bejn s-soċjeta' konvenuta Casapinta Design Group Ltd inkarigat lis-soċjeta' konvenuta l-oħra Express Logigroup Ltd sabiex tagħmel it-trasport ta' tali merkanzija mill-Ewropa lejn il-Libja u lura. Kif xehed Jonathan Vella għan-nom ta' Logigroup Express stess, xogħol il-kumpanija tiegħu kien li tagħmel dak kollu neċessarju biex din l-operazzjoni sseħħ. Minn naħa tagħha s-soċjeta' Express Logigroup Ltd, peress li skont ma xehed Jonathan Vella, ma kinux joperaw trailers lejn l-Afrika ta' Fuq saru taħdidiet fuq livell kummerċjali ma' Thomas Smith & Co Ltd li hija s-soċjeta' li kienet tirrappreżenta l-STC f'Malta dak iż-żmien. Huwa xehed li ddiskuta ma' Thomas Smith & Co Ltd kif ser isir il-proġett, ir-rata li ser titħallas u ssetjaw pjan biex ikunu jistgħu jipproċedu.

Ma ġiex kontestat li parti sostanzjali mit-trasport tal-merkanzija saret mingħajr problemi fejn Thomas Smith & Co Ltd ħarġu diversi fatturi lil Express Logigroup Ltd esibiti anke in atti u skont anke ma xehed Jonathan Vella sar id-debitu ħlas fuq dawn il-fatturi.

Jidher iżda li minn dak li xehed Damian Casapinta, u li wkoll ma ġiex kontestat, li uħud mit-trailers li ntbagħtu minn STC ma kinux kollha tal-qies rikjest, b'dana li kien hemm ħtieġa ta' aktar trailers sabiex ikun jista' jitgħabba l-materjal kollu li mill-Libja kellu jmur lejn l-Olanda.

U proprju f'dan il-kuntest li ntbagħtet l-email tad-19 t'April 2014[29] fejn Damian Casapinta, wara li kkopja lil Jonathan Vella tal-Express Logigroup Ltd u lir-

[29] Fol 39

rappreżentanti ta' STC qal li kienu jeħtieġu tlett *trailers* oħra sabiex jiġi ritornat l-apparat ġewwa l-Olanda. L-għada, 20 t'April 2014,[30] Jonathan Vella rrisponda u kkopja wkoll lill-istess persuni fejn qal li huwa kien informa wkoll lill-uffiċċju ta' Malta bil-*bookings* u li kien ser jerġa jkellimhom dwar in-numri tat-*trailers*. Fis-7 ta' Mejju 2014[31] imbagħad, Jonathan Vella bagħat email oħra rigwardanti l-konsenja tal-merkanzija permezz tat-tlett trailers in kwistjoni fejn talab lil Stefano Nurchi, rappreżentant ta' STC, sabiex jassikura li d-dokumenti tad-dwana ikunu preparati kif suppost qabel il-wasla tal-vapur bil-merkanzija in kwistjoni sabiex jiġu evitati problemi. B'din l-email kien infurmat ukoll Damien Casapinta u kkupjati wkoll il-klijenti ta' Casapinta ġewwa l-Olanda.

Dan l-isfond fil-fehma tal-Qorti huwa mportanti sabiex tiġi riżolta l-vertenza tal-lum.

Mhuwhiex kontestat li l-konsenja ta' materjal saret lis-soċjeta' Neptunus B.V fl-Olanda permezz tat-tlett trailers AB 85055, AB 38460 u AB 38463 u li ta' dan is-servizz qed jintalab fil-kawża l-ammont totali ta' €13, 806 skont fatturi a fol 21, 22 u 23. Lanqas per parentesi ma hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* mitlub.

Irriżulta ampjament ukoll li nonostante diversi fatturi li ġew esibiti in atti, l-ebda waħda minnhom, kif ammess minn Jonathan Vella ta' Express Logigroup Ltd stess, ma tkopri t-talba għal ħlas tas-servizz bit-trailers mertu tal-proċeduri tal-lum. U ma nġiebet ebda prova li sar xi ħlas; għalhekk dan l-ammont mitlub mill-atturi huwa meqjus li għadu dovut u mhux saldat.

Il-kontestazzjoni tal-konvenuti invece hija sostanzjalment li skonthom, ħadd minnhom ma hu responsabbli għal dan il-ħlas.

[30] Fol 39
[31] Fol 5

Issa l-attur noe qiegħed idur fuq iż-żewġ konvenuti għall-ħlas għax isostni li t-tnejn li huma *"kienu qegħdin jikkomunikaw mas-soċjeta' rikorrenti għar-rigward tal-konsenja, b'dan li kif jirriżulta mid-dokument CJF l-ordni finali wasal minn Jonathan Vella, b'Casapinta inkluż, li kien jaf b'kollox u li s-servizz sar fl-interess tiegħu[32]."*

Dan huwa ulterjorment konfermat minn **Gianluca Gallian** għan-nom tal-atturi fix-xhieda tiegħu fejn qal ukoll li ż-żewġ kumpaniji konvenuti kienu konsapevoli tas-servizzi li kienu qegħdin jintalbu u s-soċjeta' S.T.C. Servizio Trasporti Combinati S.p.A. rċeviet struzzjonijiet mingħandhom it-tnejn kif turi l-korrispondenza skambjata u li diġa' saret referenza għaliha fis-suespost.

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm mhix ċar fit-talba tiegħu jidher li l-attur nomine qiegħed jattribwixxi responsabilta' in solidum versu l-konvenuti (għalkemm jagħti l-opżżjoni ta' responsabilta' lil min minnhom). F'dan ir-rigward **L-artikolu 1094 tal-Kap 16** jipprovdi hekk –

*"L-obbligazzjoni hija in solidum għad-debituri meta huma kollha obbligati għall-istess ħaġa, b'mod li kull wieħed minnhom jista jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu, u li l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn lejn il-kreditur."*

Qalet hekk il-Qorti fil-każ **Edward Psaila vs Carmel Dimech et deċiż fl-14 ta' Jannar 2004** –

*"In linea ta' massima s-solidarjeta` tfisser li kull wieħed mid-debituri jkun obbligat li jagħmel tajjeb għad-debitu sħiħ favur il-kreditur li jkun allura, jekk irid, jista` jaġixxi ġudizzjarjament biex jesiġi l-pagament mingħand wieħed biss mid-debituri tiegħu ad esklużjoni ta' l-oħrajn. Dan huwa desumibbli mill-Artikolu 1094 tal-Kodiċi Ċivili.*

[32] Fol 37

*Artikolu dan li għandu bħala fondament tiegħu mhux dak li jtaffi r-responsabilita` tal-konkorrenti li jkunu taw lok għad-dannu u għad-debitu, iżda fis-sens li tiġi rafforzata l-garanzija tad-danneġġjat jew tal-kreditur (intiż f'sens wiesgħa) billi tikkonsentilu l-għażla li jirrivolġi l-pretensjoni tiegħu għall-intier tal-kreditu u tal-ħlas kontra kull wieħed mis-soġġetti responsabbli jew obbligati, u dan mingħajr il-ħtieġa li jazzjona lil kull wieħed minnhom għal kwota rispettiva tiegħu.*

*Skond il-liġi s-solidarjeta` hi allura "solamente concepibile – come del resto qualsiasi altra obbligazione solidale, la quale puo soltanto esistere quando vi sono piu` persone obbligate allo stesso debito – allorche al fatto doloso che ha cagionato il danno repitibile concorsero` piu` persone; poiche se si tratta di debiti diversi, commesse da persone diverse, con diversa responsabilita` individuale sia per le natura che per le circostanze del delitto, per modo che rimanga escluso il concorso di piu` persone alla perpetrazione di ciascun fatto dannoso, la detta disposizione di legge non puo trovare la sua applicazione" (**Vol XXIX pI p528**).*

*Dak li jgħodd għad-delitti jgħodd ugwalment għal kważi delitti, u kif intqal, għal kwalsiasi obbligazzjoni oħra."*

Tqies pero u huwa ben tenut u magħruf illi s-soledarjeta' ċivili ma tistax tiġi presunta u dan ai terminu ta' l-artikolu 1089 tal-Kodici Civili li jistipula li:-

*"Ma jitqiesx li hemm solidarjeta'. Jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament."*.

**Għalhekk fil-liġi Malti ma teżistix presunzjoni ta' solidarjeta.**

Naraw li "*min-naha l-ohra l-ligi Taljana vigenti tistabilixxi presunzjoni ta' solidarjeta'. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-Artikolu 1294 li jipprovdi:*

*"I condebitori sono tenuti in solido, se dalla legge o dal titolo non risulta diversamente."*;

*Dan il-provvediment hu spjegat f'dan l-estratt: "La presunzione di solidarieta' passiva, nelle obblig. con pluralita' di debitori, ha come suo presupposto l'assunzione da parte di questi di un unico debito, cioe' la sussistenza di quella situazione condebitoria che e' alla base del concetto stesso di solidarieta' e che si concreta nel fatto che piu' debitori sono obbligati per una medesima prestaz."*

(*Commentario Breve Al Codice Civile*, G. Cian u A. Trabucchi (Cedam, 1996) pagna 1337).

*L-Artikolu 1094 tal-Kodici Civili jipprovdi:*

*"L-obbligazzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u li lhlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur.".*

*L-atturi ghamlu enfazi fuq dan il-provvediment fin-nota ta' sottomissjonijiet. Fil-fehma tal-qorti dan il-provvediment, li nsibuh fit-titolu "Fuq l-Obbligazzjoni in solidum kwantu ghad-debituri",* ***qieghed sempliciment jaghti tifsira ta' obbligazzjoni in solidum u xejn aktar****. Minn dan il-provvediment ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-obbligazzjoni ghall-hlas tas-senserija hi in solidum."* [33]

Il-Qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament u żżid illi dan huwa sa fejn si tratta kwistjonijiet ta' natura ċivili. Tqies li dak li wassal għal din il-vertenza hija waħda kummerċjali, operat ta' varji soċjetajiet fl-operat tan-negozzzju tagħhom.

Fuq dan insibu illi:-

*"Atteso che e' principio che le leggi civili si applicano alle contrattazioni commerciali, e sotto la denomoinazione di legge si comprendono gli usi commerciali. Atteso che e' principio per uso costante che quando due commercianti anche non avendo tra loro rapporti di so`ieta' comprano insieme e senza indicazione di quote, una partita di merce, s'intendono d'aver ciascuno comprato l'intiero ed essersi ciascuno obbligato al pagamento all'intiero e da tale uso constante menzionato dall'Ordinanza del 1673 e prima di tale ordinanza dalla decisione del Parlamento di Tolosa venne esteso a tutte la contrattazioni commerciali, di maniera che, mentre in materia civile, la soledarieta' passiva, non si presume ma dev'essere espressamente convenuta quando non e' ordinata dalla legge in materia commerciale la regola stabilita' dall'uso e' che la solidarieta' esiste di diritto tra i debitori quando la stessa non sia stata espressamente esclusa da una convenzione espressa o da espressa disposizione de legge.*

[33] **Joseph u Sharon konjugi Farrugia vs Paul Zammit** et. per Mag Dr. Anthony Ellul deċiża 12/04/2011

**Negoziante Antonio Callus di Fillippo va Angelo Sultana**[34] "

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Anchor Bay Leisures Limited vs Edgar Urpani u Jack Serra Limited**[35] il-Qorti wasslet għal l-istess konklussjoni meta argumentat fuq l-applikabilta tal kunċett ta' responsabilta' in solidum fil-kamp tal-kummerċ a contrario senso ma dak fil-kamp ċivil billi qalet:-

*"Dan premess din il-Qorti tgħid li skond il-provi akkwiziti, dak li jipprovdi l-Art.115 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta` Malta mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum ghaliex ma rrizultax li dik ta` bejn il-partijiet **kienet obbligazzjoni kummercjali fejn il-ftehim kien jikkontempla kondebituri u fejn allura kien hemm il-prezunzjoni tas-solidarjeta`**. Del resto la fl-impostazzjoni ta` l-azzjoni taghha u lanqas fissottomissjonijiet finali l-kumpannija attrici ma tinvoka lapplikazzjoni ta` din id-disposizzjoni."(tipa sewda emfasi ta' din il-Qorti).*

Mill-provi mressqa u fl-isfond tal-liġi u l-ġurisprudenza ċitata, l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha l-Qorti hija li l-konvenuti għandhom jitqiesu solidalment responsabbli għall-ħlas tal-ammont mitlub.

Fl-ewwel lok, kull ftehim li għamlu s-soċjetajiet konvenuti bejniethom dwar l-operat tal-proġett huwa *res inter alios acta* għall-attur noe.

Fit-tieni lok, kif irriżulta, fir-rigward tal-konsenja li dwarha qiegħed jintalab il-ħlas, kienu ż-żewġ konvenuti li mhux biss kienu qegħdin jokkomunikaw iżda saħansitra jagħtu ordnijiet lil-atturi f'diversi stadji. Hekk jirriżulta li f'kuntest ta' komunikazzjoni kontinwa bejn il-kontendenti fil-kawża fir-rigward tal-proġett in kwistjoni, kien David Casapinta ta' Casapinta Design Group Ltd li għamel rikjesta formali għat-tlett trailers direttament lil STC, iżda kien hemm ukoll relazzjoni ġuridika bejn STC u Express Logigroup Ltd in kwantu din tal-aħħar kompliet tieħu ħsieb l-aspetti loġistiċi kollha marbuta mat-trasport tat-tlett trailers imsemmija lejn l-Olanda.

---

[34] Qorti tal-Kummerċ, 5 ta' Novembru, 1907: vide L-**Alfabett tal-Kodiċi Ċivili Vol: L-O per Imħallef Emeritus Philip Sciberras LL.D.**

[35] Ċit.nru. 158/2009 deċiża 29 ta' Settembru, 2011

Hija l-fehma ferma tal-Qorti li d-difiża mressqa mill-konvenuti fir-rigward hija fjakka għall-aħħar.

Damien Casapinta, id-Direttur tas-soċjeta' konvenuta Casapinta Design Group Ltd jipprova jfarfar kull responsabilta' minn fuqu b'dan il-kliem -

*"Dan l-ammont mhuwhiex dovut, ma nafx għalxiex qed isemmu li hawn dawn it-tlett trailers għax ma nafx x'inhuma. Aħna bħala proġett kollu, tħallas kollox lil Jonathan Vella. Jonathan Vella ma għandu xejn bħala pendenzi jiġifieri ma nafx għalxiex dawn qed jgħidu illi hawn dawn...*[36]*."*

Iżda dan id-diskors ma jistax ikun aktar 'il bogħod mir-realta' tal-fatti kif pruvata meta rriżulta pależement li kien hu stess li talabhom fl-email tad-19 t'April 2014.

Lanqas ireġi l-argument ta' din l-istess soċjeta' li l-attur noe kien skorrett meta ntesta l-fatturi f'isem Casapinta Design Group Ltd meta l-mittent kien ATEX. Dan għaliex mal-attur noe kienet Casapinta Design Group Ltd tramite David Casapinta li ordnat direttament it-tlett trailers in kwistjoni dan indipendentement minn kwalunkwe ftehim li l-istess Casapinta Design Group Ltd seta' kellha ma' ATEX. Kellu kull dritt għalhekk l-attur noe jintesta l-fattura bil-mod kif għamel.

Minn naħa l-oħra Jonathan Vella, Chief Executive tas-soċjeta' konvenuta Express Logigroup Ltd li kienu nkarigati mis-soċjeta' l-oħra konvenuta ffoka d-difiża tiegħu fuq il-fatt li huma bħala Express Logigroup Ltd imbagħad kienu nkarigaw lil Thomas Smith & Co Ltd (li kienet ir-rappreżentanta f'Malta tal-STC f'dik l-epoka) għat-trasport tal-merkanzija bejn l-Ewropa u Tripli u lura. Saħaq li l-fatturi li bgħatitilhom is-soċjeta' Thomas Smith & Co Ltd kollha kienu tħallsu. Iżda dak li **ma** rnexxilux juru dan ix-xhud huwa li l-ħlas abbinat mat-tlett containers mertu tal-kawża odjerna fil-fatt kien sar (**fil-fatt il-fatturi esibiti kollha kienu jirreferu għal trailers oħra**). Anzi rriżulta li din l-ordni partikolari

[36] Fol 84

mkien ma ffigurat fiha s-soċjeta' Thomas Smith & Co Ltd għax saret direttament bejn il-kontendenti fil-kawża.

Fid-dawl tas-suespost it-talbiet tal-attur noe jimmeritaw li jintlaqgħu fil-konfront tal-konvenuti solidalment bejniethom u għall-istess raġunijiet il-bqija tal-eċċezzjonijiet sejrin jiġu miċħuda.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' trasport reżi lill-intimati skont il-fatturi mmarkati bħala Dok CJF 001-003; u**

**3. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom li jħallsu lis-soċjeta rikorrenti din is-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' tra sport reżi lill-intimati skont il-fatturi mmarkati bħala Dok CJF 001-003 ;**

**4. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kummerċjali, bl-ogħla rata permessa mill-liġi mid-data li ngħata s-servizz sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**